# Bidla fl-imġieba telf tal-inibizzjoni

## Tagħrif dwar id-dimenzja għar-residenti, familja u kerers

Persuni li jgħixu bid-dimenzja spiss iġibu ruħhom, jaħsbu u jaġixxu b'mod differenti min kif kienu jagħmlu.

Bidliet fil-moħħ jistgħu jirriżultaw li xi persuni jitilfu s-sens tagħhom ta' dak li jitqies bħala imġieba normali. Huma jistgħu jġibu ruħhom b'mod li jkun imbarazzanti, pastaż jew insensittiv.

Dan jista' jinkludu għemil ta' kummenti psataż jew mingħajr prudenza, jinżgħu jew jesprimu ruħhom b'mod sesswali fil-pubbliku, li jista' jinkwieta persuni oħra.

Din hi magħrufa bħala **imġieba diżinibitata**.

## X'tikkawża l-imġieba diżinibitata?

M'hemmx risposta waħda. Persuni bid-dimenzja spiss ma jkunux kapaċi jispjegaw xi jridu jew x'qed iħossu.

Għandhom mnejn jiddejqu, ma jkunux komdi jew ikunu morda, u ma jafux aktar x'għandhom jagħmlu dwar dan.

Jekk persuna bid-dimenzja taġixxi b'mod pastaż jew insensittiv, dan jista' jkun minħabba l-fatt li għandhom xi problema u għandhom bżonn xi ħadd biex jgħinhom. Dawn jistgħu jkunu affarijiet bħal:

- ikunu muġugħa
- ikunu konstipati
- ikunu deidrati
- ikollhom infezzjoni
- effetti sekondarji ta' xi mediċini.

Jista' wkoll ikun sinjal ta' affarijiet oħra bħal:

- iħossuhom frustrati, anzjużi jew depressi
- ma jagħrfux in-nies jew ma jkunux konxji minn kienu l-persuna l-oħra
- jaħsbu li persuni oħra huma s-sieħeb/sieħba tagħhom
- jilbsu ħwejjeġ mhux komdi
- ikunu jridu jmorru 'l bogħod minn postijiet fejn hemm ħafna storbju jew attività.

VICTORIA State Government | Health and Human Services

## Il-kura ta’ xi ħadd li għandu imġieba diżinibitata

- Dejjem żgurah u ibqa’ kalma.
- Tiħux l-imġieba tiegħu personali.
- Ara x’qed idejjaqhom. Pereżempju, jekk jinżgħu, għandu mnejn iridu jmorru t-tojlit, jew qed iħossu wisq sħana jew mhumiex komdi.
- Fittex soluzzjonijiet bbażati fuq l-esperjenzi tal-ħajja passata tal-persuna
- Agħmel affarijiet pjaċevoli u siewja.
- Agħtihom il-privatezza biex iżommu d-dinjità tagħhom.
- Ara li l-familja u l-istaff iżuruh aktar ta’ spiss.
- Spjega lill-familja u lill-ħbieb li l-persuna ma tistax tikkontrolla l-imġieba tagħha.

## Naħdmu flimkien

Persuna li qed tgħix bid-dimenzja jifhmuha l-aħjar il-familja u l-kerers tagħha.

Aħdem flimkien mal-istaff biex taqsmu t-tagħrif. Dan jgħin biex jiġi żviluppat pjan ta’ kura li hu ċċentrat fuq il-persuna. Meta ssib x’jipprovoka l-imġieba tal-persuna, dan għandu mnejn jgħin biex tnaqqasaha.

Tkellem mal-istaff u staqsi mistoqsijiet dwar l-aħjar kura tad-dimenzja.

## Mistoqsijiet li għandek tistaqsi lill-istaff

- Iċċekkjajtu jekk hemmx uġigħ, mard jew infezzjoni?
- Hemm pjan ta’ kura stabbilit biex jgħin lill-istaff jimmaniġġjaw imġieba diżinibitata?
- Hemm speċjalista tad-dimenzja biex ikun involut fil-pjan ta’ kura?



Ċaħda: Dan it-tagħrif dwar is-saħħa hu għall-skopijiet ġenerali biss. Jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek jew lill-professjonist ieħor tas-saħħa biex tara li dan it-tagħrif jgħodd għalik.

Biex tirċievi din il-pubblikazzjoni f’format aċċessibbli ibgħat email lil acqiu@dhhs.vic.gov.au

Awtorizzat u ppubblikat mill-Gvern ta’ Victoria, 1 Treasury Place, Melbourne
© State of Victoria, Department of Health and Human Services, Ġunju 2016. ISBN 978-0-7311-6808-8
Jinstab f’https://www2.health.vic.gov.au/ageing-and-aged-care/residential-aged-care/safety-and-quality/participating-with-consumers